Minuti tal-laqgħa numru tlieta u għoxrin (23) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR)li nżammet fit-22 ta' Settembru, 2020 fis-5.15pm fi 30 & 34 Triq Inguanez, ir-Rabat.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku* |
| | Is-Sra Doris Coleiro | Kunsillier |
| | Is-Sur Chris Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sur Kris Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier (on-line) |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |
| Skużati: | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| | Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| | Dr Karl Muscat | Kunsillier |
| Uffiċjali: | Is-Sur Keith Balzan Gera | Żviluppatur |

* Daħal għal-laqgħa fis-5.45pm.

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus.

# PA5289/20

1. Is-Sindku stieden mill-ewwel lis-Sur Keith Balzan Gera sabiex jispjega dak kollu li kellu jgħid fl-ambitu ta' diversi *posts* li intefgħu minnu fuq facebook wara li l-Kunsill Lokali tar-Rabat kien ħareġ l-istqarrija pubblika lill-media biex juri l-fehma tiegħu.

2. Is-Sur Balzan Gera qal illi hu pprova jaqbad fuq it-telefon u ma rnexxilux u imbagħad ma baqax jipprova. Is-Sindku qal illi l-Kunsill hu miftuħ għal kulħadd u kieku ried seta' tkellem magħna qabel ma tefa' l-applikazzjoni u sussegwentement l-Awtorita' tal-Ippjanar ħarġet l-ordni ta' nfurzar.

3. Is-Sur Balzan Gera qal illi l-*boundary wall* mhux se jkun għoli aktar minn metru u mis-sit inqala' ħafna ġebel u konkos bix-xibka fih li ntefa' fil-post fil-passat qabel ma kien mixtri minnu minn għand ċertu Sant Cassia. Hu qal illi sit kien ġie mgħotti bil-ħamrija biex setgħet titneħħa xi ordni ta' nfurzar antika tal-Awtorità tal-Ippjanar. Hu qal illi fis-sit hemm tomna (fejn hemm l-infurzar) u sitt itmiem aktar 'isfel.

4. Is-Sur Balzan Gera qal illi aktar 'l isfel minnu xi bdiewa jew sidien oħrajn bdew jagħmlu xi tibdiliet u jtellgħu xi ħitan u weħel hu intortament mal-awtoritatajiet. Infatti hu qal illi għalhekk inħarġet l-ordni ta' twaqqif mill-Awtorita' tal-Ippjanar.

5. Dwar l-istalel, is-Sur Balzan Gera qal illi dawn se jkunu erba' filati ġebel u imbgħad injam. Sostna li bħal issa hemm tlett iżwiemel (wieħed fl-għalqa fejn hemm l-ordni tal-infurzar u l-oħrajn fil-ħbula ta' taħt ir-riħ, u għall-mistoqsija tas-Sindku minfejn qed iġib id-dawl u l-ilma hu qal illi hu m'għandux dawn is-servizzi. Għaldaqstant ġab xi tankijiet biex ikun hemm ħażna tal-ilma għat-tisqija taż-żwiemel. Hu qal illi hemm ukoll xi kmamar tal-ikel taż-żwiemel u t-tiġieg u se jkun hemm ukoll dik tal-*manure* (kamra għalih) u *pump room.*

6. Meta mistoqsi minfejn ġab iż-żwiemel hu qal illi dawn ġabhom mingħand RMJ Siġġiewi. Dawn huma żwiemel li normalment jintużaw waqt it-tiġrijiet u imbgħad jikbru u ma jibqgħux tajbin għal dan l-*isports*. Is-Sur Balzan Gera kien mistoqsi jekk dan kollu hux għal skop ta' negozju jew le. Hu ċaħad kategorikament għaliex qal li dan hu il-passjoni tiegħu u qed jagħmlu biex jirrilassa filwaqt li jkun qed jagħmel xi BBQ fis-sit u fi ftit tas-snin oħra kollox se jkun qed jitgħatta bis-siġar li se jqabbad fl-art.

7. Is-Sur Nazju Cassar staqsa x'għamel matul dan il-*long weekend* li propju ġie fi tmiemu llum meta nħaraq in-nar tal-ajru għaliex kien iċċelebrat f'festa l-elevazzjoni tal-Parroċċa għal Bażilika. Is-Sur Balzan Gera qal illi meta nħaraq in-nar aktar kmieni din is-sena hu kien ftiehem mas-Sur Raymond Borg ta' San Pawl u ħa l-istess żwiemel xi mkien ieħor fic-*Chadwick Lakes*. Madankollu matul tmiem-il ġimgħa li għaddiet iż-żwiemel baqgħu fil-post u nħasdu biss bl-ewwel murtal.

8. Il-kunsillieri qalu illi l-biża tagħna hu li jgħaddu xi għoxrin sena oħra u jsiru strutturi permanenti fis-sit ('il fuq mill-erba' filati indikati) u jkun diffiċli li jitneħħew għax ma jkunux riversibbli. Is-Sur Nazju Cassar qal illi ma jarax lok illi fl-istess wied isiru stalel filwaqt li s-Sur Matthew Chetcuti staqsa jekk hemmx skop li minn dan il-proġett isir *business*. Għal dan il-kliem is-Sur Balzan Gera qal illi hu għandu *business* tiegħu personali u dan kollu hu mgħodija taż-żmiem biex jagħti żvog lit-tliet itfal tiegħu u jħabbibhom man-natura.

9. Is-Sindku irringrazzja lis-Sur Balzan Gera u qal illi l-Kunsill jiddeplora l-fatt illi qatlulu l-kelb minħabba xi vendikazzjoni kif qal fuq is-siti soċjali filwaqt li l-laqgħa ntemmet fis-6.00pm.

10. Is-Sindku stieden lill-kunsillieri biex isegwu laqgħa oħra li fiha stieden lis-Sur Ryan Calleja mill-uffiċċju ta' Carlo Schembri jagħmel preżentazzjoni dwar l-użu tal-art quddiem il-knisja tal-Baħrija. Is-Sur Calleja wasal fit-6.30pm.

11. Is-Sinjura Doris Coleiro telqet mil-laqgħa għaliex kellha impenji oħrajn.

12. Is-Sur Ryan Calleja qal illi dan is-sit hu mimli potenzjal biex ikun żviluppat għal diversi skopijiet u użu differenti. Fosthom għal attivitajiet reliġjużi, soċjali, sportivi u oħrajn.

13. Il-preżentazzjoni meta kienet mitluba mis-Segretarju Eżekuttiv ma ingħatatx għaliex is-Sindku qal li diġa' għandu kopja tagħha.

14. Il-laqgħa ntemmet fis-7.30pm.

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula mis-Sur Anthony Bonello u approvati llum ta' Settembru, 2020 mis-Sur Sandro Craus

Segretarju Eżekuttiv Sindku